31998R2760

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2760/98
tat-18 ta' Diċembru 1998
dwar l-implimentazzjoni ta' programm għal kooperazzjoni bejn il-fruntieri fil-qafas tal-programm Phare

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-REGOLAMENT tal-Kunsill (KEE) Nru 3906/89 tat-18 ta' Diċembru 1989 fuq għajnuna ekonomika lil ċerti pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 753/96 [2], u b'mod partikolari Artikolu 8 tiegħu,

Billi l-Kunsill Ewropew, meta ltaqa' fil-Lussemburgu fDiċembru 1997, fassal strateġija mtejba ta' qabel s-sħubija li hija maħsuba li tagħmilha possibbli li l-pajjiżi kollha applikanti ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-lvant li eventwalment isiru membri ta' l-Unjoni Ewropea u, għal dak il-għan, jallinejaw lilhom infushom kemm jista' jkun ma' l-*acquis* qabel is-sħubija;

Billi l-assoċjazzjonijiet ta' qabel is-sħubija, il-fattur l-aktar importanti fl-istrateġija mtejba ta' qabel is-sħubija, stabbilew prijoritajiet għal aktar xogħol lejn is-sħubija u għandhom jitqiesu fil-kuntest ta' kooperazzjoni bejn il-fruntieri;

Billi l-ewwel snin ta' l-implementazzjoni tar-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1628/94 [3], li jwaqqaf il-programm bejn il-fruntieri Phare flimkien ma' *Interreg*, ġa kisbu numru ta' riżultati pożittivi, l-aktar billi waqqfu djalogu u kooperazzjoni bejn ir-reġjuni tal-fruntiera ma' l-Unjoni Ewropea u reġjuni li jmissu magħhom f'pajjiżi fl-Ewropa Ċentrali u tal-lvant, u hekk ikkontribwew fl-iżvilupp ekonomiku fir-reġjuni tal-fruntieri ta' dawn il-pajjiżi u għal konverġenza akbar mal-livell ta' l-iżviluup fin-naħa ta' l-Unjoni Ewropea, u offrew l-opportunità lil dawn ir-reġjuni jsiru familjari mal-prassi u l-proċeduri ta l-Interreg, inkluż it-tfassil ta' strateġiji ta' żvilupp reġjonali għar-reġjuni tal-fruntieri;

Billi wieħed għandu jimmira għal aktat titjib, b'mod partikolari billi jiżdied in-numru ta' proġetti ta' natura li tassew jaqsmu l-fruntieri, u billi jitjieb il-pass ta' implementazzjoni tagħhom;

Billi r-Rumanija, bħala l-uniku pajjiż applikant mingħajr fruntiera komuni ma' l-Unjoni, għandha wkoll tkun eliġibbli għall-programm ta' kooperazzjoni *Phare* bejn il-fruntieri;

Billi l-programm ta' kooperazzjoni bejn il-fruntieri *Phare* se jsir bil-mod il-mod parti ta' politika ta' żvilupp reġjonali usa' fil-kuntest ta' strateġija ta' qabel is-sħubija li tikkorreġi żbilanċi tal-lum bejn riżorsi ta' estimi allokati għal kooperazzjoni bejn il-fruntieri u l-prioritajiet ta' qabel is-sħubija l-oħra u bejn reġjuni differenti ġo l-Istati applikanti;

Billi l-Kunsill enfasizza kemm-il darba il-ħtieġa li tiġi msaħħa l-kooperazzjoni u tiġi stimulata l-integrazzjoni tal-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u l-Komunità Ewropea, kif ukoll il-ħtieġa li tiġi appoġġata l-istabbilità u s-sigurtà fir-reġjun;

Billi, minħabba l-parteċipazzjoni futura ta' stati li jaċċedu fil-politika strutturali ta' l-Unjoni, aktar allinjament tal-programm ta' kooperazzjoni bejn il-fruntieri *Phare* ma' l-*Interreg* hija meħtieġa, l-aktar permezz tat-twaqqif ta' programmi komuni bejn il-fruntieri u strutturi ta' programmar komuni;

Billi, għal pajjiżi applikanti ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, id-definizzjoni ġeografika preżenti tal-programm ta' kooperazzjoni bejn il-fruntieri *Phare* teħtieġ li bil-mod il-mod tiġi estiża biex tħaddan, flimkien ma' pajjiżi li jmissu ma' l-Unjoni Ewropea, fruntieri ma' pajjiżi applikanti oħra li huma benefiċjarji ta' *Phare*; billi, fi stadu aħħari, pajjiżi mal-fruntjieri ma' pajjiżi ġirien oħra li jibbenefikaw mill-Phare jew programmi oħra ta' għajnuna tal-Komunità jistgħu jsiru wkoll eliġibbli;

Billi azzjonijiet eliġibbli għandhom ikunu simili għal *Interreg* fl-ambitu globali tal-qafas tas-sħubija;

Billi huwa neċessarju li jiġi msaħħaħ l-involviment ta' nies lokali u reġjonali fil-kooperazzjoni bejn il-fruntieri, biex jissaħħaħ l-approċċ tat-titjib ta' l-aktar batuti, biex jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom għal programmar, implimentazzjoni u monitorjar, u biex jippermettu lill-awtoritajiet lokali f'reġjuni mal-fruntjieri jieħdu deċiżjonijiet fuq proġetti żgħar ta' natura tassew bejn il-fruntieri billi jwaqqfu fondi għal proġetti żgħar;

[1] ĠU L 375, tat-23.12.1989, p. 11.
[2] ĠU L 103, tas-26.4.1996, p. 5.
[3] ĠU L 171, tas-6.7.1994, p. 14.

Billi huwa meħtieġ li jinbidel ir-Regolament (KE) Nru 1628/94;

Billi r-Regolament attwali huwa b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għar-Ristrutturar Ekonomiku f'ċerti pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-ambitu tal-qafas globali tal-programm *Phare* kif definit bir-REGOLAMENT (KEE) Nru 3906/89, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw biex jiffinanzjaw azzjonijiet ta' natura strutturali f'reġjuni mal-fruntjieri ta' pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, li huma benefikarji ta' *Phare*.

Dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu implimentati waqt li wieħed iqis il-politika strutturali tal-Komunità, u *Interreg* b'mod partikolari.

Artikolu 2

1. Il-pajjiżi mal-fruntjieri eliġibbli huma dawk bejn il-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u l-Komunità, u dawk bejn dawn il-pajjiżi applikanti: Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Lituwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Islovakkja u l-Islovenja.

2. Ir-reġjuni mal-fruntjieri konċernati jkunu fissati minn kull pajjiż interessat bi qbil mal-Kummissjoni, waqt li titqies il-metodoloġija adottata mill-*Interreg*.

3. Allokazzjonijiet bejn pajjiżi benefiċarji għandhom isiru billi jittieħdu f'konsiderazzjoni kriterji ta' popolazzjoni, PGD kull ras u l-wiċċ tar-reġjuni mal-fruntjiera konċernati.

Artikolu 3

Għoti tal-Komunità taħt dan il-programm għandhom primarjament jiffinanzjaw il-parteċipazzjoni tal-pajjiż ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant interessat fi proġetti konġunti ma' kull Stat li miegħu jaqsam fruntiera kif definit f'Artikolu 2.

L-għanijiet ta' dawn il-proġetti huma:

(i) biex jippromwovu kooperazzjoni ta' reġjuni mal-fruntjierif'pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-lvant ma' reġjuni jmissu magħhom f'pajjiż ġar kif definit f'Artikolu 1 u hekk biex igħin lir-reġjuni mal-fruntjieri fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant jirbħu l-problemi speċifiċi ta' l-iżvilupp li jistgħu jinqalgħu, fost oħrajn, mill-pożizzjoni tagħhom ġewwa l-ekonomiji nazzjonali, fl-interess tal-popolazzjoni lokali u b'manjiera kompatibbli mal-protezzjoni ta' l-ambjent;

(ii) biex jippromwovu t-twaqqif u l-iżvilupp ta' *networks* ta' kooperazzjoni fuq kull naħa tal-fruntiera, u biex iwaqqfu l-irbit bejn dawn in-*networks* u *networks* aktar wiesgħa tal-Komunità.

Artikolu 4

1. F'reġjuni mal-fruntjieri magħżula skond Artikolu 2, il-proġetti li għandhom jiġu inklużi fil-programm ta' kooperazzjoni bejn il-fruntieri jistgħu jieħdu l-forma ta':

(i) proġetti marbuta ma' miżuri li huma appoġġati mill-*Interreg* jew minn programmi ta' assistenza oħra esterna tal-Komunità;

(ii) proġetti miftehma mill-pajjiżi interessati, li għandhom impatt bejn il-fruntieri, jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' strutturi f'reġjuni mal-fruntjieri u jħaffu l-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi kollox ma' kollox.

2. Attenzjoni speċjali għandha tingħata lil proġetti li għalihom finanzjar bi sħab minn, jew f'isem, l-awtoritajiet lokali jew operaturi ekonomiċi fil-pajjiż ta' l-Ewropa Ċentrali jew tal-Lvant hija provduta.

3. Il-finanzjar jista' jinkludi riżorsi minn Stati Membri oħra ta' l-Unjoni Ewropea u pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali jew tal-lvant, minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, u minn sorsi oħra privati u pubbliċi.

Artikolu 5

1. L-azzjonijiet li jistgħu jkunu finanzjati taħt dan il-programm jistgħu jinkludu:

(a) tħaffif ta' l-ostakli amministrattivi u istituzzjonali għaċ-ċaqliq ħieles ta' persuni, prodotti jew servizzi fuq il-fruntieri filwaqt li jittieħdu f'konsiderazzjoni l-aspetti ta' sigurtà f'dan iċ-ċaqliq;

(b) titjib ta' l-infrastrutturi, b'mod partikolari faċilitajiet ta' komunikazzjoni u l-provista ta' ilma lokali, forniment ta' gass u elettriku, li jipprovdu benefiċċji f'inħawi bejn il-fruntieri;

(ċ) protezzjoni ta' l-ambjent, per eżempju maneġġar ta' l-iskart, maneġġar ta' l-ambjent u prevenzjoni ta' inkwinament waqt li jittrattaw il-problemi aggravati mill-prossimità ma' fruntieri ta' barra;

(d) miżuri ta' żvilupp agrikolu u rurali b'attenzjoni partikolari għat-tħaffif ta' proġetti ta' kooperazzjoni bejn il-fruntieri;

(e) miżuri fl-oqsma ta' l-enerġija u t-trasport, immirati biex jikkomplimentaw l-iżvilupp ta' *networks* trans-Ewropej b'mod konformi ma' l-orjentazzjonijiet adottati mill-Kummissjoni;

(f) azzjonijiet relatati mal-ġustizzja u politika interna tal-Komunità;

(ġ) promozzjoni ta' kooperazzjoni tal-kummerċ, żvilupp ta' intrapriżi, kooperazzjoni finanzjarja u kooperazzjoni bejn istituzzjonijiet li jirrappreżentaw is-settur tal-kummerċ (p.e. il-kmamar tal-kummerċ);

(ħ) għajnuna għal investiment u għoti ta' servizzi ta' appoġġ u faċilitajiet, b'mod partikolari għat-trasferiment ta' teknoloġija u għall-*marketing* għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

(i) miżuri ta' taħriġ u impjiegi;

(j) żvilupp ekonomiku lokali, inkluż it-turiżmu;

(k) miżuri biex titkattar il-kooperazzjoni fis-saħħa, b'mod partikolari l-qsim ta' riżorsi u faċilitajiet fuq bażi ta' bejn il-fruntieri;

(l) l-iżvilupp jew it-twaqqif ta' faċilitajiet u riżorsi biex titjieb iċ-ċirkulazzjoni ta' informazzjoni u l-komunikazzjonijiet bejn ir-reġjuni mal-fruntieri, inkluż l-appoġġ għar-radio bejn il-fruntieri, televiżjoni, gazzetti u medja oħra;

(m) tpartit kulturali;

(n) impjiegi lokali, edukazzjoni u inizjattivi ta' taħriġ.

Madankollu, azzjonijiet imsemmija taħt (j) sa (n) jistgħu jkunu finanzjati biss taħt it-termini ta' Artikolu 5(2) hawn isfel.

2. Bl-iskop li jiġu inkoraġġiti azzjonijiet bi sħab fuq skala żgħira li jinvolvu nies lokali mir-reġjuni mal-fruntieri u biex jitjiebu l-kapaċitajiet tagħhom biex jidentifikaw, jiżviluppaw u jimplimentaw azzjonijiet simili, fond għal proġetti żgħar bi sħab jista' jkun imwaqqaf f'kull reġjun mal-fruntieri, li għalih perċentwal limitat ta' l-assenjazzjonijiet għall-programmi relevanti u inizjattivi għal kooperazzjoni bejn il-fruntieri tista' tintuża.

3. Attenzjoni speċjali għandha tingħata għal miżuri b'karattru ta' kooperazzjoni qawwi bejn il-fruntieri li huma ppjanati f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-awtoritajiet reġjonali u lokali fi nħawi mal-fruntieri u li jinkludu t-twaqqif jew l-iżvilupp ta' strutturi b'maneġġjar bi sħab intiżi li jwessgħu u jipprofondixxu kooperazzjoni bejn il-fruntieri bejn aġenziji pubbliċi u parapubbliċi kif ukoll organizzazzjonijiet bla profitt.

4. It-twaqqif ta' proġetti għall-iżvilupp ta' reġjuni mal-fruntjiera, identifikazzjoni ta' proġetti u formulazzjoni ta' programmi, studji ta' sostenibbilità, għajnuna għall-implimentazzjoni tal-programmi u monitorjar u/jew studji ta' valutazzjoni, jistgħu ukoll ikunu finanzjati.

Artikolu 6

1. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità hija pprovduta fil-prinċipju bħala għotja. Madankollu, kull meta l-għotja tal-Komunità tikkontribwixxi għall-finanzjar ta' attivitajiet li jiġġeneraw qligħ, il-Komunità għandha tiddeċiedi, b'konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet involuti, ir-regoli għall-finanzjar li jistgħu jinkludu finanzjar bi sħab mad-dħul tal-proġett jew rimborż ta' l-għotjiet inizjali.

2. L-għajnuna tista' tkopri l-ispejjeż fuq l-importazzjonijiet u spejjeż lokali meħtieġa biex jitwettqu l-proġetti u l-programmi.

Dazji u ħlas ta' taxxa u x-xiri ta' propjetà għandhom ikunu esklużi mill-finanzjar tal-Komunità.

3. Spejjeż koperti jistgħu jinkludu għajnuna teknika, studji, taħriġ u miżuri oħra li jwaqqfu istituzzjoni; programmi ta' forniment għal impjant essenzjali jew *inputs*; operazzjonijiet ta' investiment, inklużi programmi ta' xogħol.

4. Manteniment u spejjeż ta' tħaddim f'pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant jistgħu jkunu koperti fil-faži tal-bidu u f'manjiera digressiva.

Artikolu 7

1. Għal kull wieħed mir-reġjuni mal-fruntjiera, Kumitat Konġunt ta' Kooperazzjoni għandu jitwaqqaf li jikkonsisti minn rappreżentanti tal-pajjiżi konċernati inklużi rappreżentanti reġjonali jew lokali, u minn rappreżentanti tal-Kummissjoni.

2. Il-Kumitat Konġunt ta' Kooperazzjoni għandu jipprepara dokument ta' programmar konġunt ta' bejn il-fruntieri f'perspettiva ta' ħafna snin; dan id-dokument ikun jinkludi strateġiji ta' żvilupp komuni u prijoritajiet għar-reġjun, kif jidher bħala entità waħda soċjo-ekonomika u ġeografika, u dispożizzjonijiet dwar implimentazzjoni konġunta. Dan id-dokument għandu jiggwida l-programmar u l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-qafas tal-programmi rilevanti u inizjattivi għal kooperazzjoni bejn il-fruntieri, mgħejuna mill-Komunità Ewropea.

3. Il-Kumitat Konġunt ta' Kooperazzjoni għandu jiddefinixxi sett ta' proġetti komuni darba kull sena, waqt li jagħti każ taddokument ta' programmar konġunt ta' bejn il-fruntieri provdut taħt il-paragrafu 2. Rakkomandazzjonijiet għal proġetti jiġu mgħoddija lill-Kummissjoni mill-Gvern tal-pajjiż ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-lvant ikkonċernat fuq il-bażi tal-proposti mibgħuta mill-awtoritajiet rilevanti.

Artikolu 8

1. Il-Kummissjoni għandha tfassal programm proposta għal kull fruntiera waqt li tieħu f'kunsiderazzjoni id-dokument ta' programmar konġunt ta' bejn il-fruntieri msemmi taħt Artikolu 7(1) u rakkomandazzjonijiet oħra tal-Kumitat Konġunt ta' Kooperazzjoni għal proġetti li għandhom jiġu finanzjati taħt dan il-programm, kif trasmessi mill-gvern tal-pajjiż ta' l-Ewropa Ċentrali jew tal-Lvant konċernat.

2. L-għotja li tikkostitwixxi l-kontribuzzjoni sħiħa jew parzjali tal-pajjiż ta' l-Ewropa Ċentrali jew tal-Lvant għall-proġett konġunt għandha tkun approvata skond il-proċedura definita f'Artikolu 9 tar-REGOLAMENT (KEE) Nru 3906/89 u miftiehma mall-pajjiż riċevitur konċernat permezz ta' memorandum ta' finanzjar.

Artikolu 9

1. Il-Kummissjoni għandha tamministra din l-għajnuna b'mod konformi mal-prattika normali applikata għall-għajnuna lill-Ewropa Ċentrali jew tal-Lvant, kif definit fir-REGOLAMENT (KEE) Nru 3906/89.

2. Kull fejn possibbli, strutturi ta' monitorjar konġunti għandhom jitwaqqfu biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-programmi.

Artikolu 10

Fl-implinentazzjoni ta' l-għanijiet imsemmija skond Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha tassigura koordinazzjoni u konsistenza bejn għajnuna mill-Phare, programmi oħra esterni ta' għajnuna, u għajnuna pprovduta mill-Fondi Strutturali.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, u għandu jieħu post ir-Regolament (KE) Nru 1628/94 dakinhar.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,fit-18 ta' Diċembru 1998.

Għall-Kummissjoni

Hans VAN DEN BROEK

Membru tal-Kummissjoni